


# Filfla

minn Joseph Bondin

Maqtugh ghalih wahdu, bejn sema kahlani, insibu l-iskoll ċkejken imsejjah Filfla, li jaghmel parti wkoll mill-arċipelagu Malti. Probabbilment, l-isem ta' Filfla huwa mehud mill-kliem *filfel* jew *felful* li huwa tip ta' bżar li jahraq hafna. Fl-antik, dan l-iskoll kienu jsejhulu *Folfola* jew *Filfola*. Filfla tinsab madwar 5 kilometri 'l barra mil-Lbiċ tal-kosta ta' Malta, b'irdum li jilhaq l-gholi ta' madwar 60 metru mil-livell tal-bahar, u l-bażi taghha hija twila madwar 350 metru.

Illum fuq Filfla ma jghix hadd, iżda fi żmien bikri jidher li kienet imghammra bin-nies ghaliex minnha kienu ttiehdu xi qolol ta' fuhhar pre-istoriku. Jinghad ukoll, illi ghall-habta ta' l-1343, kienet mibnija kappella żghira ġewwa ghar, iddedikata lill-Madonna. F'din il-kappella kienet tiġi ċċelebrata quddiesa ghas-sajjieda li kienu jkunu qed jistadu lejn dawk in-nahiet kull nhar ta' Hadd. Il-kappella ġiet meqruda fl-1856, wara li terremot gheżżeż il-gżejjer Maltin.

Ghal dawn l-ahhar snin, Filfla kienet tiġi użata bhala mira ghall-prattika militari navali u ta' l-ajru, fejn intefghu fuqha bosta tunnellati ta' balal. B'konsegwenza ta' hekk, maż-żmien, il-forma taghha nbidlet xi ftit. L-ibbumbardjar kien l-aktar intensiv bejn l-1945 u l-1970. Wara diversi protesti minn entitajiet differenti, l-ibbumbardjar waqaf. Fuq Filfla hemm diversi tipi ta' fawna u jghixu diversi hlejjaq fosthom tip ta' gremxul u diversi tipi differenti ta' ghasafar l-aktar wiehed popolari fosthom, il-Kangu ta' Filfla.

Fl-1980, Filfla ġiet iddikjarata bhala riserva naturali u maż-żmien, diversi restrizzjonijiet ġew miżjuda mill-awtoritajiet Maltin biex iharsu dan l-iskoll ċkejken hekk sabih u solitarju.

*Il-Kumitat Eżekuttiv*
*jirringrazzja lil Joseph Zahra maghruf bhala*
*l-Prince u dawk kollha li taw is-sehem taghhom*
*biex f'isem is-Soċjetà Lourdes*
*saret tiġrija fil-korsa ż-żghira*
*tal-Marsa li kkontribwixxiet is-somma ta' Lm300*
*ghad-dar tal-Providenza.*

*Donazzjoni moghtija fl-ewwel tas-sena.*